MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Appell Civili - Ghawdex Numru. 20/2013/1

**Kevin Vella**

**Vs**

**Kevin Camilleri u Jeanette Camilleri**

Permezz ta' avviz prezentat fit-12 ta' Awissu 2013 l-attur talab minghand il-konvenuti l-hlas ta' €557 ghal xoghol tal-elettriku li ghamel fil-proprjeta tal-konvenuti fi Triq Ghajn Melel, Zebbug, Ghawdex.

Il-konvenuta Jeanette Camilleri wiegbet li:-

1. Kevin Vella ghamel xoghol tal-elettriku fil-fond izda fir-rigward tal-flus li qieghed jitlob m'ghandhiex dettalji ghaliex dawn kienu jintbaghatu lil Kevin Camilleri. Ghalhekk it-talba hi intempestiva.

2. L-ittra ufficjali ta’ April 2013 intbaghatet biss lill-konvenut l-iehor.
3. Il-fond gie trasferit lill-konvenut l-iehor meta kienu ssaldaw il-pretensjonijiet fil-konfront ta’ xulxin. Kevin Camilleri sar is-sid tal-fond, bid-drittijiet u obbligi kollha konness mal-istess trasferiment. Dakinhar kienet tal-fehma li ma kienx hemm kontijiet pendenti fir-rigward tax-xogholijiet li saru fid-dar.
4. L-ispejjez kollha pendenti relatati mal-post ghandu jaghmel tajjeb ghalihom Kevin Camilleri.

Kevin Camilleri wiegeb li:-

1. L-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16.
2. Kienet il-konvenuta l-ohra li nkarigat lill-attur. Il-meter tad-dawl ghadu registrat fuq isem il-konvenuta. Ghalkemm l-attur ma riedx hlas, l-esponent ta s-somma ta’ €200 biex tatihom lill-attur l-iehor.
3. Kien biss wara li gie ppubblikat il-kuntratt ta’ bejgh bejn il-konvenuti li l-attur beda jippretendi hlas ta’ €70 ohra. L-ittra ufficjali ntbaghatet biss lill-esponent.
4. L-ebda hlas mhu dovut u f’kull kaz il-hlas pretiz hu ezagerat. Il-materjal xtrah kollu l-konvenut u l-attur dam biss jumejn jahdem fil-proprjeta tal-konvenuti.
5. Kull ammont li jista’ jigi likwidat minn dan it-Tribunal ghandu jithallas nofs bejn il-partijiet u dan war li jittiehed in konsiderazzjoni li l-konvenut kien ghamel pagament ta’ mitejn ewro (€200) lill-attur ghal dan ix-xoghol.

B’sentenza tad-19 ta’ Frar 2014 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar cahad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u kkundannahom ihallsu lill-attur is-somma ta’ €507, in kwantu ghal €53.05 jithallsu mill-konvenut u €453.50 jithallsu mill-konvenuta.

Il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:-

1. It-Tribunal agixxa kontra l-principji ta’ imparzjalita’ u ekwita’ li ppregudika d-dritt tal-appellanti. Il-konvenuta ma kellhiex twiegeb ghat-talba tal-konvenut l-iehor u llimitat ruhha twiegeb it-talba tal-attur. It-Tribunal kellu sempliciment jistabbilixxi jekk il-kreditu kienx dovut u mhux jidhol fir-relazzjoni ta’ bejn il-konvenuti.
2. Il-konvenut m’huwiex xhud kredibbli.

L-appellati wiegbu fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn is-sentenza tat-Tribunal ghandha tigi kkonfermata, fosthom li appell ma jistax isir ghaliex it-talba ma kenitx taqbez is-somma ta’ €1,164.69 u ma kienx hemm ic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380 sabiex ikun jista’ jsir appell. L-appellat Camilleri ta wkoll il-kummenti dwar il-provi li ressqu l-partijiet u jsostni li l-verzjoni tieghu hi iktar kredibbli.

Id-decizjoni tat-Tribunal fir-rigward tas-sehem li kull wiehed mill-konvenuti jridu jhallsu mid-dejn, hi bazata fuq dawn il-konsiderazzjonijiet:-

- Il-konvenut xehed li kien ta lill-konvenuta s-somma ta' €200 biex tatihom lill-attur;
- Ghalkemm ma pprezentax ricevuta tal-hlas, it-Tribunal osserva li m'huwiex mistenni li koppja, kif kienu l-konvenuti, jitolbu ricevuti minghand xulxin ta' spejjez li jkunu qeghdin isiru fir-rigward ta' proprjeta komuni;
- Id-dikjarazzjoni tal-konvenut li kien ta €200 lill-konvenuta qatt ma giet michuda minnha;

It-Tribunal qal li l-hlas dovut lill-attur hu ta' €507, li minnu l-konvenut kellu jhallas €53.50 filwaqt li l-konvenuta trid thallas €453.50. L-appell hu limitat fuq dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal iddecida dwar is-sehem mill-kreditu li kull wiehed mill-konvenuti kellu jhallas lill-attur.

Fil-fehma tal-qorti l-appellanti ma tistax targumenta li giet sorpriza bid-decizjoni tal-qorti. Il-kwistjoni dwar is-somma ta' €200 kienet tissemma fit-twegiba tal-konvenut. It-Tribunal, kif kien obbligat li jaghmel, iddecieda dwarha.

Irrispettivament mill-ammont tat-talba, appell jista' dejjem isir:

*"meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.".*

It-Tribunal ghamel apprezzament tal-provi. Pero' mis-sentenza hu evidenti li bbaza d-decizjoni tieghu li l-konvenuta ghandha thallas iktar mill-konvenut fuq 'il fatt li hu ddikjara li kien ta €200 biex tatihom lill-attur, u t-Tribunal emmnu. Hu evidenti li t-Tribunal ta hafna piz ghal fatt li *"Din l-istqarrija tal-intimat, li del resto kienet anke tinsab fir-risposta tieghu ghal din it-talba qatt ma giet michuda mill-intimata".* Madankollu mill-atti jirrizulta li fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2014 xehedet il-konvenuta u qalet: ***"Jien nichad li lili tani mitejn ewro l-intimat".*** Mela kuntrarjament ghal dak li qal it-Tribunal il-konvenuta cahdet li nghatat €200 mill-konvenut. Dan jista' jfisser biss li t-Tribunal ma kkunsidrax din id-deposizzjoni meta kien qieghed jiddelibera. Ghal din il-qorti dan fih innifsu jikkwalifika bhala nuqqas gravi li jmur kontra l-ekwita' u l-appellanti giet ippregudikata in kwantu d-decizjoni tat-Tribunal giet bazata fuq dak li xehed Kevin Camilleri minghajr ma ttiehed in konsiderazzjoni dak li xehedet l-appellanti.

Wara li l-qorti rat l-atti tosserva:-

1. L-appellat Kevin Camilleri xehed li kien issellef is-somma ta’ €200 minghand huh. Pero’ din il-verzjoni ma gietx korraborata minn huh.

2. L-appellat qal li ghal habta ta’ Awissu 2011 kien ha lil certu Sammy Camilleri biex jatih stima tax-xoghol li ghamel l-appellat Vella u qallu €200. Sammy Camilleri ma xehedx u ghalhekk dik il-verzjoni ma gietx korraborata.

3. L-appellat ighid li meta l-attur cempillu biex jithallas, qallu li kien ta €200 lill-appellanti. Fatt li ma giex konfermat mill-attur. Anzi l-attur xehed li meta tkellem mal-appellat fis-sena 2013 *"… ghidtlu jekk trid tkompli l-post komplih pero jekk mhux ser inkomplih jien nitolbok thallas dak li hu dovut lili. Huwa qal li hu kien diga hallas hafna flus lill-intimata Jeanette Camilleri u ghalhekk ma kellux x'jaqsam mal-kumplament tal-kont tieghi"* (fol. 50). Fl-ebda stadju tad-deposizzjoni ma ssemmew ‘l €200 li l-appellat ighid li ta lill-appellanti. L-appellat Camilleri kkonferma li f’April 2013 l-attur kien tkellem mieghu.

4. It-Tribunal semma li s-somma ta’ €200 issemmiet ukoll fit-twegiba tal-appellat. Dan hu minnu. Pero’ fit-twegiba qal ukoll li l-attur ma riedx hlas ghax-xoghol. Meta xehed qal: *"X'hin tlesta x-xoghol tal-garaxx jien tlabt lir-rikorrenti sabiex jaghmilli l-kont. Hu qalli mbaghad naraw"*. Fatt li jikkontradici dak li qal fit-twegiba.

5. L-appellanti cahdet li qatt inghatat €200 minghand l-appellat Camilleri. Mela hemm zewg verzjonijiet konfliggenti. Dwar dan l-allegat hlas, mill-provi li tressqu mill-appellat Camilleri m’hemmx x’indizju li jwassal lill-qorti biex tghid li l-verzjoni tal-konvenut hi iktar kredibbli minn tal-appellanti.

Min jallega jrid jipprova. Fil-fehma tal-qorti l-appellat Camilleri ma ressaqx provi sodisfacenti li jwasslu biex tghid li l-verzjoni tieghu hi l-verita. F’kull kaz il-kwistjoni dwar jekk sarx hlas ta’ €200 lill-appellanti kienet materja li tikkoncerna lill-konvenuti u certament mhux lill-attur gialadarba m’hemmx prova li l-appellanti kienet mandatarja tieghu. Ghalhekk l-attur kellu kull dritt jipproponi kawza fejn jitlob il-hlas minghand iz-zewg konvenuti.

**Meqjusa dawn ic-cirkostanzi l-qorti qeghda tilqa’ l-appell ta’ Jeanette Camilleri billi tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tad-19 ta’ Frar 2014 u tikkundanna lil kull wiehed mill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta’ mitejn u tlieta u hamsin ewro (€253.50), bl-imghax mid-data tas-sentenza tat-Tribunal.**

**Spejjez ta' dan l-appell a karigu tal-appellat Kevin Camilleri filwaqt li l-ispejjez tal-ewwel sentenza jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------